

32006R1483

L 276/58

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

7.10.2006

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1483/2006****tas-6 ta' Ottubru 2006****li jistabbilixxi sejħiet permanenti għal offerti għall-bejgħ mill-ġdid fis-suq Komunitarju taċ-ċereali miżmuma mill-aġenziji ta' intervent tal-Istati Membri**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali<sup>1</sup>, u b'mod partikulari l-Artikoli 6 u 24, it-tieni inċiż tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2131/93 tat-28 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi l-proċedura u l-kundizzjonijiet għall-bejgħ taċ-ċereali li jkunu f'idejn l-aġenziji intermedjarji [ta' intervent]<sup>2</sup> jistipula li l-bejgħ taċ-ċereali miżmuma mill-aġenzija ta' intervent isir permezz ta' sejħa għal offerti u skont kundizzjonijiet ta' prezz li jippermettu li jiġi evitat it-tfixkil tas-suq.
- (2) L-Istati Membri għandhom ħażniet ta' intervent tal-qamħirrum, tal-qamħ komuni, tax-xgħir u tas-segala. Sabiex jinqdew il-ħtiġijiet tas-swieq, jixraq illi dawn il-ħażniet ta' ċereali tal-Istati Membri jsiru disponibbli fis-suq intern. Għal dan il-għan, jeħtieġ li jiġu stabbiliti sejħiet permanenti għal offerti għall-bejgħ mill-ġdid fis-suq Komunitarju taċ-ċereali miżmuma mill-aġenziji ta' intervent tal-Istati Membri. Kull waħda mis-sejħiet għal offerti għandha titqies bħala sejħa għaliha.
- (3) Jeħtieġ li jkunu stipulati derogi mill-kundizzjonijiet iffissati mir-Regolament (KEE) Nru 2131/93 f'dak li għandu x'jaqsam mal-ammont tal-garanzija għall-eżekuzzjoni meħtieġa. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li l-garanzija tkun iffissata f'ammont suffiċjenti.

<sup>1</sup> ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1154/2005 (ĠU L 187, 19.7.2005, p. 11).

<sup>2</sup> ĠU L 191, 31.7.1993, p. 76. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 749/2005 (ĠU L 126, 19.5.2005, p. 10).

- (4) Biex titqies il-qagħda tas-suq Komunitarju, jixraq li jkun stipulat li s-sejħa għal offerti titmexxa mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, għandu jkun ipprovdut koeffiċjent ta' allokkazzjoni għal dawk l-offerti li jinsabu fil-livell tal-prezz minimu tal-bejgħ.
- (5) Biex tippermetti l-amministrazzjoni effiċjenti tas-sistema, l-informazzjoni meħtieġa mill-Kummissjoni għandha tintbagħat bil-posta elettronika. Huwa importanti li n-notifika tal-aġenziji ta' intervent lill-Kummissjoni żżomm l-anonimità tal-offerenti.
- (6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

L-aġenziji ta' intervent tal-Istati Membri li jidhru fl-Anness I jipproċedu għall-bejgħ mill-ġdid taċ-ċereali miżmuma minnhom, permezz ta' sejħiet permanenti għal offerti fis-suq intern tal-Komunità. Il-kwantitajiet massimi taċ-ċereali differenti koperti minn dawn is-sejħiet għal offerti jingħataw fl-Anness I.

### *Artikolu 2*

Il-bejgħ imsemmi fl-Artikolu 1 isir skont il-kundizzjonijiet stipulati bir-Regolament (KEE) Nru 2131/93. Madankollu, b'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(4) tal-istess Regolament, il-garanzija fuq l-offerta hija stabbilita għal EUR 10 kull tunnellata.

### *Artikolu 3*

1. L-iskadenza għat-tressiq tal-offerti għall-ewwel sejħa parzjali għal offerti hija l-11 ta' Ottubru 2006 fis-13.00 (ħin ta' Brussell).

Il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-offerti għas-sejħiet parzjali għall-offerti li ġejjin jiskadi kull nhar ta' Ħamis fis-siegħa ta' wara nofsinhar (ħin ta' Brussell), ħlief fl-1 ta' Novembru 2006, is-27 ta' Diċembru 2006, l-4 ta' April 2007 u s-16 ta' Mejju 2007, ġingħat li fihom ma sseħħ l-ebda sejħa għall-offerti.

L-iskadenza għat-tressiq tal-offerti għall-aħħar sejħa parzjali għal offerti hija s-27 ta' Ġunju 2007 fis-13.00 (ħin ta' Brussell).

2. L-offerti għandhom jitressqu għand l-aġenziji ta' intervent ikkonċernati, li d-dettalji tagħhom jingħataw fl-Anness I.

### *Artikolu 4*

Fl-erba' sigħat ta' wara l-iskadenza tal-perjodu għat-tressiq tal-offerti stipulat fl-Artikolu 3(1), l-aġenziji ta' intervent ikkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-offerti mressqa. Jekk ma tkun tressqet l-ebda offerta, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dan fl-istess perjodu ta' erba' sigħat. Jekk l-Istat Membru ma jibgħat l-ebda

notifika lill-Kummissjoni fil-perjodu stipulat, il-Kummissjoni tqis li ma tkun tressqet l-ebda offerta f'dak l-Istat Membru.

Il-komunikazzjonijiet stipulati fl-ewwel daħla għandhom jitwettqu, elettronikament, skont il-mudell li jinsab fl-Anness II. Formola separata skont it-tip ta' ċereal għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni għal kull sejħa għall-offerti miftuħa. L-identità ta' min iressaq l-offerti għandha tibqa' sigrieta.

#### *Artikolu 5*

1. Skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-prezz minimu tal-bejgħ ta' kull ċereal, jew tiddeċiedi li l-offerti rċevuti ma jintlaqgħux.

2. Fil-każ li fissazzjoni ta' prezz minimu, skont il-paragrafu 1, twassal li tinqabeż il-kwantità massima disponibbli għal Stat Membru, il-fissazzjoni kkonċernata għandha tiġi akkumpanjata minn koeffiċjent ta' allokkazzjoni ta' kwantitajiet offerti fuq livell tal-prezz minimu b'mod li titħares il-kwantità massima disponibbli f'dan l-Istat Membru.

#### *Artikolu 6*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Ottubru 2006.

*Għall-Kummissjoni*  
Mariann FISCHER BOEL  
*Membru tal-Kummissjoni*

**ANNEX I: LISTA TAS-SEJĦIET GĦALL-OFFERTI**

Stat Membru	Kwantitajiet disponibbli għall-bejgħ fis-suq intern (tunnellati)				Aġenzija ta' intervent Isem, indirizz u dettalji ta' kuntatt
	Qamħ komuni	Xgħir	Qamħirrum	Segala	
Belgique/België	0	0	0	-	Bureau d'intervention et de restitution belge Rue de Trèves, 82 B-1040 Bruxelles Tel: (32-2) 287.24.78 Faks: (32-2) 287.25.24 e-mail: <a href="mailto:webmaster@birb.be">webmaster@birb.be</a>
Česká republika	0	0	0	-	Statní zemědělský intervenční fond Odbor rostlinných komodit Odbor rostlinných komodit Ve Smečkách 33 CZ - 110 00, Praha 1 Tel.: (420) 222 871 667 – 222 871 403 Faks: (420) 296 806 404 e-mail: <a href="mailto:dagmar.hejrovskas@szif.cz">dagmar.hejrovskas@szif.cz</a>
Danmark	0	0	0	-	Direktoratet for FødevarerErhverv Nyropsgade 30 DK-1780 København Tel: (45) 33 95 88 07 Faks : (45) 33 95 80 34 e-mail: <a href="mailto:mij@dffe.dk">mij@dffe.dk</a> and <a href="mailto:pah@dffe.dk">pah@dffe.dk</a>
Deutschland	0	0	0	0	Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung Deichmanns Aue 29 D- 53179 Bonn Tel: (49-228) 6845 - 3704 Faks 1 : (49-228) 6845 - 3985 Faks 2 : (49-228) 6845 - 3276 e-mail: <a href="mailto:pflanzlErzeugnisse@ble.de">pflanzlErzeugnisse@ble.de</a>
Eesti	0	0	0	-	Põllumajanduse Registrite ja Informatsiooni Amet Narva mnt. 3, 51009 Tartu Tel: (372) 7371 200 Faks : (372) 7371 201 e-mail: <a href="mailto:pria@pria.ee">pria@pria.ee</a>
Elláda	-	-	-	-	Payment and Control Agency for Guidance and Guarantee Community Aids (O.P.E.K.E.P.E) 241, Archaron str., GR-104 46 Athens Tel: (30-210) 212.4787 & 4754 Faks: (30-210) 212.4791 e-mail: <a href="mailto:ax17u073@minagric.gr">ax17u073@minagric.gr</a>

España	-	-	-	-	S. Gral. Intervención de Mercados (FEGA) C/Almagro 33 – 28010 Madrid - España Tel: (34-91) 3474765 Faks: (34-91)3474838 e-mail: <a href="mailto:sgintervencion@fega.mapa.es">sgintervencion@fega.mapa.es</a>
France	0	0	0	-	– Office National Interprofessionnel des Grandes Cultures (ONIGC) 21, avenue Bosquet F-75326 Paris Cedex 07 Tel: (33-1) 44 18 22 29 et 23 37 Faks: (33-1) 44 18 20 08- 33 1 44 18 20 80 e-mail: <a href="mailto:m.meizels@onigc.fr">m.meizels@onigc.fr</a> et <a href="mailto:f.abeasis@onigc.fr">f.abeasis@onigc.fr</a>
Ireland	-	0	0	-	Intervention Operations, OFI, Subsidies & Storage Division, Department of Agriculture & Food Johnstown Castle Estate, County Wexford Tel: 353 53 91 63400 Faks: 353 53 91 42843
Italia	-	-	-	-	Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura – AGEA Via Torino, 45, 00184 Roma Tel: (39) 0649499755 Faks: (39)0649499761 e-mail: <a href="mailto:d.spampinato@agea.gov.it">d.spampinato@agea.gov.it</a>
Kypros/Kibris	-	-	-	-	
Latvija	0	0	0	-	Lauku atbalsta dienests Republikas laukums 2, Rīga, LV – 1981 Tel: (371) 702 7893 Faks : (371) 702 7892 e-mail : <a href="mailto:lad@lad.gov.lv">lad@lad.gov.lv</a>
Lietuva	0	0	0	-	The Lithuanian Agricultural and Food Products Market regulation Agency L. Stuokos-Guceviciaus Str. 9-12, Vilnius, Lithuania Tel: (370-5) 268 5049 Faks: (370-5) 268 5061 e-mail : <a href="mailto:info@litfood.lt">info@litfood.lt</a>
Luxembourg	-	-	-	-	Office des licences 21, rue Philippe II, Boîte postale 113 L-2011 Luxembourg Tel.: (352) 478 23 70 Faks (352) 46 61 38 télex: 2 537 AGRIM LU
Magyarország	0	0	0	-	Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal Soroksári út. 22-24

					H-1095 Budapest Tel.: (36) 1,219 45 76 Faks : (36) 1 219 89 05 e-mail: <a href="mailto:ertekesites@mvh.gov.hu">ertekesites@mvh.gov.hu</a>
Malta	-	-	-	-	
Nederland	-	-	-	-	Dienst Regelingen Roermond Postbus 965, NL-6040 AZ Roermond Tel: (31) 475 355 486 Faks : (31) 475 318939 e-mail: <a href="mailto:p.a.c.m.van.de.lindelooft@minlnv.nl">p.a.c.m.van.de.lindelooft@minlnv.nl</a>
Österreich	0	0	0	-	AMA (Agrarmarkt Austria) Dresdnerstraße 70 A-1200 Wien Tel: (43-1) 33151 258 (43-1) 33151 328 Faks: (43-1) 33151 4624 (43-1) 33151 4469 e-mail: <a href="mailto:referat10@ama.gv.at">referat10@ama.gv.at</a>
Polska	0	0	0	-	Agencja Rynku Rolnego Biuro Produktów Roślinnych Nowy Świat 6/12 PL-00-400 Warszawa Tel: (48) 22 661 78 10 Faks: (48) 22 661 78 26 e-mail: <a href="mailto:cereals-intervention@arr.gov.pl">cereals-intervention@arr.gov.pl</a>
Portugal	-	-	-	-	Instituto Nacional de Intervenção e Garantia Agrícola (INGA) R. Castilho, n°45-51, 1269-163 Lisboa Tel: (351) 21 751 85 00 (351) 21 384 60 00 Faks: (351) 21 384 61 70 e-mail: <a href="mailto:inga@inga.min-agricultura.pt">inga@inga.min-agricultura.pt</a> <a href="mailto:edalberto.santana@inga.min-agricultura.pt">edalberto.santana@inga.min-agricultura.pt</a>
Slovenija	-	-	-	-	Agencija Republike Slovenije za kmetijske trge in razvoj podeželja Dunajska 160, 1000 Ljubjana Tel: (386) 1 580 76 52 Faks : (386) 1 478 92 00 e-mail: <a href="mailto:aktrp@gov.si">aktrp@gov.si</a>
Slovensko	0	0	0	-	Pôdohospodárska platobná agentúra Oddelenie obilnín a škrobu Dobrovičova 12 SK-815 26 Bratislava Tel: (421-2) 58 243 271 Faks : (421-2) 53 412 665 e-mail: <a href="mailto:jvargova@apa.sk">jvargova@apa.sk</a>

Suomi/Finland	0	0	0	-	Maa- ja metsätalousministeriö (MMM) Interventioyksikkö – Intervention Unit Malminkatu 16, Helsinki PL 30 FIN-00023 Valtioneuvosto Tel: (358-9) 16001 Faks: :(358-9) 1605 2772 (358-9) 1605 2778 e-mail: <a href="mailto:intervention.unit@mmm.fi">intervention.unit@mmm.fi</a>
Sverige	0	0	0	-	Statens Jordbruksverk SE-55182 Jönköping Tel: (46)36 15 50 00 Faks: (46) 36 19 05 46 e-mail: <a href="mailto:jordbruksverket@sjv.se">jordbruksverket@sjv.se</a>
United Kingdom	-	0	0	-	Rural Payments Agency Lancaster House Hampshire Court Newcastle upon Tyne NE4 7YH Tel: (44) 191 226 5882 Faks: (44)191 226 5824 e-mail: <a href="mailto:cerealsintervention@rpa.gov.uk">cerealsintervention@rpa.gov.uk</a>

Le sigle "-" signifie : pas de stock d'intervention pour cette céréale dans cet Etat membre.

**ANNEX II**

Tip (\*)

**Notifika lill-Kummissjoni tal-offerti rċevuti fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-bejgħ mill-ġdid fis-suq intern taċ-ċereali tal-ħażniet ta' intervent**

**Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru .../2006**

« TIP TA' ĊEREAL : Kodiċi NM (\*\* ) »

"STAT MEMBRU : (\*\*\*)"

1	2	3	
Numru ta' min qed iressaq l-offerta	Numru tal-lott.	Kwantità (tunnellati)	Prezz offert euro/t
1			
2			
3			
eċċ.			

Speċifika l-kwantitajiet totali offerti (inklużi l-offerti miċħuda għall-istess lott): ... tunnellata.

(\*) Biex jintbagħat lill-DĠ AGRI (D2).

(\*\*) 1001 90 għall-qamħ komuni, 1003 00 għax-xgħir, 1005 90 00 għall-qamħirrum u 1002 00 00 għas-segala.

(\*\*\*) Indika l-Istat Membru kkonċernat.